# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tas-16-il laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 22 ta' Lulju 2025 fis-5:45 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**16.01 Talba**

16.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**16.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

16.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**16.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 15**

16.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 15 ġew approvati unanimament. Il-Viċi Sindku ppropona u l-Kunsillier Ghigo issekonda.

**16.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

16.04.01 Is-Sindku semmiet laqgħa li kellha mal-Perit ta' IM rigward il-kisi mill-ġdid ta' Sqaq Numru 3 fi Triq il-Parroċċa. Għal xi raġuni IM ma kellix l-informazzjoni korretta għaliex il-ħtieġa kienet li jsir Sqaq Numru 1. Is-Sindku tkellmet mal-Perit u saħqet li ladarba kien se jinqala' ikun għaqli li jsiru t-tliet sqaqien f'daqqa u għaldaqstant bl-approvazzjoni li l-Perit ġabet mingħand is-*CEO*, se jkunu qed isiru t-tlieta li huma. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

16.04.02 Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mal-*Public Works* dwar il-magħqad tal-ilma li jinġabar fi Triq Santa Katerina, fejn fil-passat kienet anke saret laqgħa u rapport mill-*Istorm Water* dwar dan il-każ. Hija spjegat li ser tkun qed tinqala' parti mit-triq bejn Triq San Innoċenzju u Sqaq Numru 2, filwaqt li talbet lis-Segretarju Parlamentari Farrugia, biex kif ikun qed isir dan ix-xogħol, isiru wkoll il-bankini. Il-Periti tal-*Public Works* diġà żaru l-post u għamlu *survey*. Dan ix-xogħol huwa skedat għal wara l-Festa ta' Santa Marija. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

16.04.03 Is-Sindku infurmat li hija tkellmet ukoll mal-Perit ta' IM rigward Triq Baskal Xuereb, li ingħatat it-tarmak riċentement minn IM, iżda li jidher li qed jinqala' ż-żrar mal-knis. Il-Perit infurmatha li x-xogħol kollu f'din it-triq ġie ċċertifikat u hemm garanzija ta' 5 snin.

Il-Perit marret fuq il-post u qalet li hija ħaġa normali li sakemm toqgħod sew it-triq, jinqala' xi ftit żrar. Madanakollu f'każ li t-triq ma' tibqax fi stat tajjeb, għandna ninfurmawha sabiex jieħdu ħsieb minn naħa ta' IM. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

16.04.04 Is-Sindku infurmat li x-xogħlijiet fuq il-bankini fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, li kienu ġew diskussi u kkonsultati mar-residenti fil-leġislatura preċedenti, se jibdew minn Settembru 2025 'il quddiem. Ix-xogħlijiet se jsiru bil-*porfido*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

16.04.05 Is-Sindku semmiet il-laqgħa li kellha ma' *Project Green* dwar il-proġett f'Tal-Mitħna l/o L-Imqabba. Hija qalet li ġie diskuss l-MoU fejn kif issemma anke fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, kellhom isiru xi emendi permezz tal-avukat qabel l-iffirmar. PG ma kellhomx oġġezzjoni li d-devoluzzjoni tas-sit iddur fuqhom.

Is-Sindku infurmat ukoll li talbet li ssir laqgħa bejn *Project Green* u l-Kunsillieri, fid-dawl tal-bidliet fil-leġislatura u fil-persunell ta' PG, qabel issir il-laqgħa informattiva għall-pubbliku. Għal din il-laqgħa attenda l-Kunsillier Ghigo u l-Viċi Sindku kien skużat peress li kien imsiefer. Intqal li l-proġett se jdum madwar 26 ġimgħa biex jitlesta u se jibda dalwaqt, peress li l-kuntratt diġà intrebaħ. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota.

16.04.06 Is-Sindku qalet li l-avukat tal-Kunsill qablet li il-ftehim ta' kooperazzjoni dwar il-librerija pubblika mir-Reġjun Punent m'għandux jiġi ffirmat peress li l-librerija tinsab fil-bini tal-Iskola Primarja. Għalkemm Kunsilli oħra fi ħdan l-istess Reġjun iffirmaw il-ftehim, fil-każ tal-Kunsill Lokali Mqabba se jsiru xi emendi filwaqt li se jkun hemm inkluż fih il-FES ukoll. Il-Kunsillieri preżenti qablu u ħadu nota ta' dan.

16.04.07 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar laqgħa ma' *Project Green* rigward il-proġett ta' Ġnien Onġi Onġella. *Project Green* ikkonfermaw li se jkunu huma li jwettqu l-proġett. Is-Sindku saħqet li l-ebda permess f'isem il-Kunsill ma se jkun qed jitwaqqa' qabel ma' jibda l-proġett, u enfasizzat il-ħtieġa li jkun hemm spazju adegwat għall-bandli fil-ġnien. Dwar dan kien hemm qbil anke minn naħa ta' *Project Green*. Semmiet ukoll l-ħsieb li possibilment jsir bust tal-mibki Nicholas Briffa, fejn *Project Green* se jikkunsidraw post xieraq għalih fil-ġnien. Il-proġett għandu jitlesta sas-sena 2026. Il-Kunsillieri preżenti qablu u ħadu nota.

16.04.08 Is-Sindku spjegat fil-qosor lill-Kunsillieri l-ġodda dwar il-proġett tal-*Bypass* relatat mal-*vegetation* u l-*irrigation*. Wara li t-*tender* infetaħ darbtejn u ma kienx hemm offerti, il-proġett ingħata b'*direct order* bl-approvazzjoni tal-Ministru ta' dak iż-żmien. Għal dan il-proġett il-Kunsill kien ikkwalifika għal fondi Ewropej permezz tal-ARPA, iżda minħabba xi irregolaritajiet fil-proċess tal-*procurement* u l-fatt li x-xogħol ingħata b'*direct order*, il-fondi ġew miżmuma, u intalbu lura anke l-*pre-financing*. Il-Kunsill aċċetta l-proposta tal-ARPA li l-każ imur għal arbitraġġ, però ma kienx ċar li dan kellu jiftħu l-Kunsill u mhux l-ARPA, u għaldaqstant minħabba d-dewmien, intilef iċ-ċans li jsir dan. Riċentement, il-Kunsill ġie infurmat ukoll li mhux se jingħata l-fondi tal-proġett '*Heritage Trail*' peress li l-fondi tal-proġett tal-Bypass għadhom ma traddewx lura. Is-Sindku qalet li se titlob laqgħa mas-Segretarju Parlamentari dwar dan u, jekk meħtieġ, bejn il-Ministru tal-Kunsilli Lokali u dak tal-Agrikoltura. Il-Kunsillieri ħadu nota u ddiskutew il-kwistjoni.

16.04.09 Is-Sindku infurmat li l-avukat tal-Kunsill wieġeb għall-ittra legali ta' resident fi Triq Dun Giacomo Tortella dwar id-*double yellow lines* li tneħħew mill-istess resident. Is-SE qrat ir-risposta u l-Kunsillieri preżenti ħadu nota tagħha.

16.04.10 Rigward l-Isptar il-Qadim, is-Sindku tat *update* dwar l-aħħar xogħol li sar rigward ir-restawr fejn fosthom semmiet ix-xogħol fuq l-istruttura tal-injam fil-bitħa bħala lqugħ għall-elementi, il-livell li tal-art tal-*kitchenette* u l-*bathroom* li tbaxxa u issa jmiss li jitpoġġa l-madum. Il-bibien li kien hemm bżonn jinħadmu mill-ġdid tlestew ukoll, filwaqt li rċevejna wkoll l-istimi sabiex jinbidlu t-travi tal-injam li ġarrbu ħsara kbira mis-susa (*wood worms*).

16.04.11 Is-Sindku rreferiet għall-applikazzjoni li l-Kunsill qabel unanimament li jissottometti għall-iskema finanzjarja SPI.SCI.07.2025, biex ikun jista' jsir il-proġett ta' tagħmir tal-Isptar il-Qadim b'għamara tal-uffiċċju, dawl adekwat, sistema ta' *network* u dak kollu meħtieġ biex ikun jista' jopera. Hija kompliet li mal-applikazzjoni huwa meħtieġ li ninkludu stimi tekniċi minn perit /inġinier u għaldaqstant, ġiet ippubblikata darbtejn it-talba għal dawn l-istimi, fir-rigward ta' *M&E*, fejn irċevejna waħda li tammonta għal madwar EUR145,000 (eskl. *VAT*). Filwaqt li rigward l-għamara u l-*finishes* ingħatajna l-istima mingħand il-Perit tal-Kunsill li tammonta għal madwar EUR57,000 (eskl. *VAT*). Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan filwaqt li qablu li għandna mmexxu l-istimi msemmija fl-applikazzjoni għall-fondi.

16.04.12 Is-Sindku infurmat li rċevejna uffiċjalment mingħand il-Perit tal-Kunsill it-talba biex jiġi terminat il-kuntratt li kien ingħata f'Mejju 2023. Is-Sindku qalet li se titlob direzzjoni mingħand id-DG dwar il-proċess, għaliex skont l-avukat tal-Kunsill, it-terminazzjoni mhijiex daqshekk sempliċi, anke jekk qed jitlobha l-Perit innifsu. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

16.04.13 Is-Sindku infurmat li ntalbu stimi mingħand diversi periti dwar ir-rapport imsemmi fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, relatat mal-armar ta' mwejjed u siġġijiet fil-Pjazza matul is-sena. L-unika offerta waslet mingħand il-Perit Tara, li se tipprepara r-rapport sa Settembru 2025. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

16.04.14 Is-Sindku infurmat li l-applikazzjoni PA 350/22 għall-installazzjoni ta' *crusher* f'barriera fi Triq il-Belt Valletta, Sqaq Nru 2, ġiet approvata b'8 voti favur u 2 kontra. Il-Kunsill mhux se jingħata *planning gain* peress li l-proġett hu kkunsidrat bħala favur l-ambjent (riċiklar). Is-Sindku infurmat ukoll li waqt is-smigħ tal-Bord hija kienet imwaqqfa milli tipparteċipa fid-diskussjoni, minħabba li kienet esprimiet l-intenzjoni li tivvota kontra.

Fuq talba tas-Sindku, l-avukat bagħtet stima ta' madwar €6,000 għall-ftuħ ta' appell dwar il-*planning gain*. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ma jipproċedix b'dan l-appell.

16.04.15 Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jikkunsidra żieda fil-ħlas għas-servizz tal-programm mużikali pprovdut mis-Soċjetajiet Mużikali tal-Imqabba f'Jum ir-Raħal: minn €1500 għal madwar €2300. Din il-proposta qed issir kemm għax il-ħlas attwali mhux ikopri l-ispejjeż kollha tas-servizz kif ukoll sabiex fil-programm jiżdied solist, tenur jew kantant.

Il-Kunsillieri ddiskutew il-proposta, u s-Sindku talbithom jaħsbu sewwa dwarha sabiex tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsillieri ħadu nota.

16.04.16 Is-Sindku qalet li tkellmet mal-Ministru Miriam Dalli dwar l-għajnuna lill-anzjani fil-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma, fejn qaltilha li se jkellimha lura s-*CEO* tal-ARMS. Is-*CEO*

fakkarha li diġà kien hemm diskussjoni mal-AKL dwar il-possibbiltà li l-kontijiet jitħallsu fil-Kunsilli Lokali.

F'laqgħa għall-kunsilli interessati, ġie spjegat kif se jkun il-proċess fejn l-ARMS tipprovdi *Google Sheet* biex jiġu rreġistrati d-dettalji tal-ħlasijiet, il-kunsilli jiġbru l-flus u jiddepożitawhom darba fix-xahar lill-ARMS. Xi Segretarji Eżekuttivi preżenti esprimew tħassib dwar żieda ta' xogħol u responsabbiltà fuq l-istaff.

L-AKL bagħtet delega għall-firma sabiex tkun tista' tiffirma f'isem il-kunsilli. Is-Sindku saħqet li l-Kunsill għandu jiffirma din id-delega, peress li jkun ta' benefiċċju għall-anzjani u kull kont miġbur se jġib €0.90 bħala kumpens. Ġiet ukoll imsemmija l-korrispondenza tas-Sur Paul Gatt (ANSEK) dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni dwar dan.

Il-Kunsill qabel li jiffirma d-delega.

16.04.17 Rigward l-*accounts* tal-Kunsill, is-Sindku rrimarkat li nstabu diversi nuqqasijiet mill-*accountant*, fosthom il-*posting* ta' *payments on account* minflok *purchase payments*, in-nuqqas ta' *reconciliations* regolari, kif ukoll lista ta' *creditors* li ntbgħatet lill-awdituri mingħajr ma ġiet iċċekkjata, u oħrajn. Dawn il-problemi qed ifissru li l-*accounts* ma jagħtux stampa ċara u realistika tal-finanzi tal-Kunsill. Is-Sindku żiedet li diġà ntbagħtet *default notice* mill-uffiċċju u se terġa' tintalab laqgħa mal-*accountant* sabiex dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati, fejn fl-*email* se jkun ikkupjat ukoll id-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali. Il-Kunsillieri preżenti qablu li s-sitwazzjoni mhix aċċettabbli u ddeċidew li l-pagament li jmiss għall-*accountant* isir permezz ta' *cheque* li jinġabar mill-uffiċċju.

16.04.18 Is-Sindku infurmat li għall-*bike racks* mixtrija għal quddiem l-iskola u l-Pjazza ma sarx *claim* għall-ispiża tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dak iż-żmien ma kinitx familjari mal-proċess ta' dan it-tip ta' *claim* u meta talbet l-informazzjoni ġiet infurmata li l-*claim* seta' jsir fi żmien sitt xhur mix-xiri. Peress li dan il-perjodu kien intemm, il-*claim* ma setax jintbagħat. Is-SE infurmat ukoll li l-*grant* dak iż-żmien kien jingħata mill-Ministeru tal-Finanzi, iżda llum jidher li qed jingħata minn Transport Malta. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

16.04.19 Is-Sindku infurmat li se tkun qed torganizza l-aħħar Ġurnata għal Għawdex għal din is-sena, fejn se tipprova tagħmilha nhar is-17 ta' Settembru 2025. Id-data se tiġi kkonfermata iktar tard. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**16.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

16.05.01 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar it-*traffic island* li tneħħiet minn Triq il-Parroċċa kantuniera ma' Triq tas-Sejba u l-bankina li saret. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill ma kienx infurmat minn qabel u li minn verifika fuq il-post mis-SE irriżulta li kien hemm *Road Work Permit (RWP)* relatat ma' *PA Permit* tal-bini fil-viċin, li kien jinkludi t-tneħħija tat-*traffic island*, il-kostruzzjoni tal-bankina u r-*road markings*. Il-Kunsillieri ddiskutew dan u enfasizzaw li l-Kunsill għandu jkun notifikat minn qabel ma jsir ċertu xogħol.

16.05.02 Il-Kunsillier Galea semma li t-'triq tan-nofs' għandha bżonn ħasla. Is-Sindku qalet li għandu jiġi kkoordinat x-xogħol billi jiġi ordnat *bowser* ilma biex jinħaslu wkoll l-Isqaq fi Triq Santa Katerina, Triq il-Fjuri u l-Isqaqien tagħha. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

16.05.03 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk hux possibbli li, rigward is-*CCTVs* tal-Pjazza, tingħata konċessjoni ta' 10 minuti sabiex in-nies ikunu jistgħu jieqfu jixtru, billi l-bejgħ fil-Pjazza naqas b'mod sinifikanti.

Is-Sindku qalet li personalment ma taqbilx ma' din il-proposta, għax xorta jibqa' parkeġġ illegali u anke fi ftit minuti jista' jseħħ inċident. Hija żiedet li qabel saru l-*cameras* kien hemm bosta individwi li xtaqu li l-Pjazza tiġi regolata kif inhi llum.

Il-Kunsillieri preżenti iddiskutew fit-tul dwar dan u ttieħed anke vot fejn ġew 2 favur, 3 kontra u 0 astenzjonijiet - Il-proposta ta' konċessjoni ta' 10 minuti ma għadditx.

16.05.04 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-possibiltà li l-Kunsill japplika għall-*un/loading bay* fi Triq iċ-Ċavi, faċċata tal-ispiżerija f'waħda mill-*bays* li hemm fejn hemm il-ħajt kif tinżel minn Triq Santa Marija lejn Triq iċ-Ċavi. Ir-raġuni hi li peress li ħafna drabi l-parkeġġ quddiem l-ispiżerija jkun okkupat minn klijenti tal-ispiżerija, jekk jiġi d-delviery van jibqa' pparkjat fin-nofs sakemm iħott. B'hekk bl-*un/loading bay* fejn qed jissuġġerixxi, ma jkunx hemm din il-problema. Il-Kunsillieri preżenti iddiskutew fit-tul dwar dan u ttieħed anke vot fejn ġew 1 favur, 4 kontra u 0 astenzjonijiet - Il-proposta ta' *un/loading bay* faċċata tal-ispiżerija minflok quddiem l-ispiżerija, ma għadditx. Madankollu peress li wara l-vot ġie ċċarat li t-talba għall-*un/loading bay* kienet ġejja mingħand l-ispiżjara stess, ser inkunu qed nitkellmu magħha sabiex issir it-talba formali għall-*un/loading bay* quddiem l-ispiżerija. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

16.05.05 Il-Kunsillier Galea reġa' qajjem il-kwistjoni dwar il-mod kif jiġu notifikati l-Kunsillieri għal-laqgħat, billi ssuġġerixxa li minflok permezz ta' *chat* għandhom isiru permezz ta' *calendar invites*. Huwa sostna li tilef laqgħa minħabba dan u semma wkoll li ma kienx mistieden għal laqgħa mal-Ispettur.

Is-Sindku fakkret li dan il-punt ġie diġà diskuss u ttieħdet deċiżjoni fuqu fil-laqgħa preċedenti, u għalhekk ma jistax jerġa' jiġi diskuss qabel ma jgħaddu sitt xhur skont il-liġi. Hija ċċarat ukoll li għal ċerti laqgħat jiġu mistiedna biss is-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi, u f'każijiet oħra jiġu *forwarded* l-*emails* biex ikunu notifikati l-Kunsillieri.

Minħabba r-regola msemmija, ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni fuq dan il-punt.

16.05.06 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk hemmx xi *feedback* dwar il-proġett fuq il-ġibjun miftuħ fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-Sindku wieġbet li s'issa ma rċevejna l-ebda *feedback*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota.

16.05.07 Il-Kunsillier Sciberras semma sabiex jikkonferma li l-Kunsill ma kienx infurmat dwar ix-xogħol li qed isir fi Triq San Bazilju, iżda rriżulta li dan kien tal-WSC skont informazzjoni riċevuta ftit ilu. Is-Sindku kkonfermat dan u żiedet li kienet f'kuntatt mas-*CEO*, il-kuntrattur u l-Pulizija, u għadha kemm irċeviet aġġornament li x-xogħol issa tlesta. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

16.05.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar tabella tat-triq li tneħħiet minn Triq Ġorġ Mangion. Is-Sindku spjegat li t-tabella kienet tindika parkeġġ għall-*blue badge holders*, iżda l-*bay* kienet immarkata bħala *Keep Clear*. L-uffiċċju qed jaħdem sabiex din tiġi regolarizzata. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**16.06 Rapport Tekniku – Triq il-Konvoj ta' Santa Marija**

16.06.01 Is-Sindku infurmat li r-rapport tekniku dwar Triq il-Konvoj ta' Santa Marija tlesta u ġie aġġornat wara li nstabet parti nieqsa dwar Triq Valletta kantuniera ma' Triq il-Konvoj. Hija staqsiet lill-Kunsillieri jekk kellhomx xi kummenti, iżda ma kienx hemm. Is-Sindku ssuġġeriet li, minħabba ċerti nuqqasijiet indikati f'dan ir-rapport li għandhom jiġu indirizzati, ir-rapport għandu jintbagħat lill-awtoritajiet konċernati permezz ta' ittra legali jew inkella ssir talba għal laqgħa mas-*CEOs* ta' IM, TM u mal-Ministru Chris Bonett sabiex jiġi ppreżentat u diskuss. Il-Kunsillieri qablu li tintalab laqgħa mal-awtoritajiet.

**16.07 Ġbir ta' Skart**

16.07.01 Is-Sindku infurmat li bħalissa qed isir eżerċizzju dwar il-ġbir tal-iskart, inkluż kwestjonarju lill-Kunsillieri dwar jekk l-iskart domestiku għandux jinġabar filgħodu jew filgħaxija. Wara diskussjoni, il-Kunsillieri qablu unanimament li l-ġbir tal-iskart għandu jibqa' jsir kif inhu bħalissa.

**16.08 Festa Santa Marija 2025**

16.08.01 Is-Sindku infurmat li għada ser issir laqgħa mal-LESA permezz tar-Reġjun rigward it-*traffic management fees* tal-festa. Hija żiedet li x'aktarx dawn is-servizzi se jibdew jiġu applikati direttament mis-Soċjetajiet Mużikali mal-LESA, u mhux iktar mill-Kunsilli Lokali, u l-*claims* isiru min-naħa tagħhom ukoll. Għada jkollha iktar informazzjoni dwar dan.

16.08.02 Rigward l-għeluq tat-toroq fil-festa, is-Soċjetà Santa Marija qed tikkordina direttament ma' Transport Malta u mal-Malta Public Transport skont il-proċedura l-ġdida. Il-Kunsill se jieħu ħsieb l-ordnijiet għal standby ambulance, il-mobile toilets, kif ukoll it-tindif tat-toroq, it-tbattil tal-litter bins u l-ġbir tal-iskart. Il-Kunsilliera enfasizzaw li għandhom jitressqu mal-ġenb il-*barriers* tad-*diversions* hekk kif jintemmu l-attivitajiet tal-festa, lejlietha u nharha, u li din ir-responsabbiltà għandha tkun fuq is-Soċjetà jew il-LESA. Is-Sindku infurmat ukoll li d-*drink* mill-Kunsill x'aktarx li se jingħata fl-aħħar Tridu, iżda dan għandu jiġi kkonfermat aktar tard.

16.08.03 Is-Sindku ssuġġeriet li ssir laqgħa mas-sidien ta' bars u każini dwar l-armar ta' mwejjed u siġġijiet fil-Pjazza waqt il-ġimgħa tal-festa, fejn jiġi ppreżentat site plan bil-postijiet eżatti sabiex jiġu evitati problemi bħall-Festa tal-Ġilju; il-Kunsill qabel u l-laqgħa ġiet skedata għal nhar it-28 ta' Lulju 2025 fis-6:00pm

**16.09** ***Mozzjoni: "Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp – 'Carrying Capacity'"***

16.09.01 Is-Sindku talbet lis-SE taqra il-Mozzjoni dwar "Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp – *'Carrying Capacity'*" proposta mill-Kunsillier Galea u ssekondata mill-Kunsillier Sciberras.

16.09.02 Il-Kunsillier Galea spjega fid-dettall il-Mozzjoni, billi semma eżempji bħal *planning applications*, kif ukoll ir-rapport dwar Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fejn il-Kunsill iħallas għal pariri legali u tekniċi. Huwa qal li l-Mozzjoni tirrifletti bżonn ta' studji dwar il-popolazzjoni u l-iżvilupp tar-raħal, sabiex ikun hemm ippjanar aħjar tal-infrastruttura u tas-servizzi (dawl, ilma, drenaġġ, parkeġġ). Huwa żied li hemm bżonn nantiċipaw il-konsegwenzi tal-iżvilupp, bħal żieda ta' appartamenti minflok *terraced houses*, u

għalhekk huwa essenzjali li jinkisbu fondi għal dan l-istudju li jista' jgħin ukoll lill-kunsilli futuri.

16.09.03 Il-Kunsillier Sciberras, bħala sekondant ta' din il-mozzjoni, qabel ma' dak kollu li qal il-proponent, il-Kunsillier Galea, u ma żied xejn aktar.

16.09.04 Is-Sindku qalet li tifhem din il-Mozzjoni u fakkret li mir-Reġjuni diġà qed isir Social Impact Assessment kull ħames snin fuq il-lokalitajiet kollha. Ir-rapport tar-Reġjun Punent diġà huwa lest u se jiġi varat f'Novembru li ġej, b'parteċipazzjoni ta' stakeholders u NGOs lokali biex jiġu diskussi l-problemi identifikati. Dan il-proċess jagħmel parti mir-riforma u l-istrateġija tal-2019 li tobbliga li rapport bħal dan isir kull ħames snin. Ir-Reġjuni għandhom fondi apposta biex jiffinanzjaw dawn ir-rapporti, u wara l-preżentazzjoni tagħhom il-Kunsilli jiġu mistiedna għal konsultazzjoni fuq il-findings.

16.09.05 Id-diskussjoni kompliet dwar l-involviment tal-Kunsill f'dan it-tip ta' rapport, għalkemm dawn isiru minn professjonisti mqabbda mir-Reġjun. Ġie msemmi bħala eżempju l-każ ta' Triq San Bażilju, fejn il-problemi tad-drenaġġ setgħu ġew evitati kieku sar studju jew konsultazzjoni minn qabel dwar l-infrastruttura. Ġie enfasizzat ukoll li peress li r-rapporti diġà jsiru mir-Reġjun, ma jagħmilx sens li l-Kunsill jitlob fondi biex jagħmel rapport separat. Intqal ukoll li l-importanti hu li dawn ir-rapporti jwasslu għal azzjoni konkreta u mhux jibqgħu fuq l-ixkafef.

Is-Sindku ressqet il-Mozzjoni għall-vot u ġew 2 favur, 3 kontra, 0 astenzjonijiet. Il-Mozzjoni ma għadditx.

**16.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

16.10.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni

**16.11 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

16.11.01 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand *HEIA* dwar il-kors 'Għaqal id-Dar Ħajja Aħjar', fejn talbu jekk jistax jingħata spazju fejn jista' isir il-kors. Il-Kunsillieri qablu li għandna nirreferuhom għand il-Kappillan sabiex joffrilhom il-Kappella San Bażilju, li hija mgħammra biżżejjed għal dan l-iskop.

16.11.02 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand resident li qed joġġezzjona li jitwaħħlu n-No Parking sings mal-faċċata tal-propjetà tiegħu kull darba li jkun se jsir xi xogħol privat viċin tiegħu permezz ta' makkinarju. Is-Sindku infurmat li dan l-individwu tkellem magħha dwar dan fejn hi qaltlu li bil-liġi n-No Parking signs għandhom jitwaħħlu hekk altrimenti l-LESA ma tkunx tista' tittowja f'każ ta' bżonn jekk in-No Parking ma tkunx imwaħħla ma xi ħaġa immobbli. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

16.11.03 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru 3/2025 mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar żieda ta' elf ewro fis-sena fl-allowances fosthom tas-Sindki, Viċi Sindki, u Kunsilliera Lokali. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

16.11.04 Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar il-Management Letter u r-representation letter li għandna 6 ġimgħat ċans sabiex din tiġi mwieġba. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

16.11.05 Il-Kunsill qed jirċievi notifiki mingħand l-ERA simili għal dawk mingħand il-PA biex fejn ikun neċessarju l-Kunsill jibgħat ir-representations tiegħu. Is-SE infurmat li qed tipprova tagħmel kuntatt mal-persuna li qed tibgħat din il-korrispondenza sabiex tikseb iktar informazzjoni dwar dan peress li mhux qed ikunu daqstant ċari. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

16.11.06 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kuntrattur li qed jaħdem fi Triq il-Parroċċa kantuniera ma' Triq tas-Sejba, fuq it-tneħħija tat-traffic island, fejn bagħat kopja tal-RWP li hu parti minn PA Permit fuq il-bini li hemm viċin. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

16.11.07 l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand resident fi Triq Valletta rigward it-talba għall-kostruzzjoni tal-bankina u l-kwistjoni tal-*building lines*. Is-Sindku spjegat li r-resident ressaq il-każ għand l-Ombudsman li kkuntattja lill-Kunsill dwar il-każ, u wara li s-Sindku infurmatu bis-sitwazzjoni, qalilha li l-Kunsill qed jimxi fis-sewwa u li l-proċess għandu jkompli sakemm jinħarġu l-*building lines* mil-*Lands*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

***Is-SE infurmat li qabżu t-3 siegħat u kien hemm qbil biex titkompla l-laqgħa.***

## 16.12 Ilmenti u Suġġerimenti

16.12.01 Il-Kunsillier Galea semma lampa tat-triq fi Triq it-Torri bil-ħsara. Is-Sindku kkonfermatlu li ġiet irrappurtata u li ssewwiet. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

16.12.02 Il-Kunsillier Sciberras talab biex jinqata' l-ħaxix li ggoffa minn max-xibka tal-ġibjun il-miftuħ għal ġol by-pass għaliex viċin se jkun hemm in-nar tal-art tal-festa. Is-SE ħadet nota sabiex dan isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsillier Sciberras talab ukoll jekk hux possibbli li jitneħħa temporanjament il-banner tal-proġett ta' fuq l-Ġibjun għall-istess raġuni, fejn is-Sindku qaltlu li la tneħħa fil-festa l-oħra, isir l-istess f'din il-festa. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

16.12.03 Il-Kunsillier Ghigo talab sabiex tinqata' siġra żgħira li hemm mal-ground tal-football. Is-Sindku qaltlu li peress li bħala Kunsill m'għandnix għodda biex naqtgħuha permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill, hija bagħtet lid-DG tal-Cleansing sabiex forsi jgħinna hu f'dan ir-rigward. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

## 16.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/16

16.13.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/16 ġiet approvata.

## 16.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

16.14.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:20 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Tlieta 19 ta' Awwissu 2025 fil-5:00 pm.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


Konfermati illum it-Tlieta 19 ta' Awwissu 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |